MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Numru 759/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Patrick Spiteri)**
**(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**

**vs**

**MARIO FARRUGIA**
**-OMISSIS-**
**RODERICK DELIA**
**-OMISSIS-**
**SPIRIDIONE SCICLUNA**
**-OMISSIS-**
**-OMISSIS-**
**STEVEN MICALLEF**
**-OMISSIS-**
**-OMISSIS-**
**u SANDRO BONNICI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Farrugia ta’ 43 sena, iben il-mejjet Albert u Maria nee’ Farrugia, imwieled Haz-Zabbar fit-22 t’ Ottubru, 1960 u joqghod fl-indirizz ‘Bevcleav’ House, Triq l-Ghakrux, Haz-Zabbar, ID nru. 710460M;

-Omissis-

Roderick Delia ta’ 23 sena, iben Alfred u Catherine nee’ Camilleri, imwieled tal-Pieta’ fit-13 ta’ Marzu, 1981 u joqghod fl-indirizz ‘Casa Delia’, Triq it-Tilliera, Haz-Zabbar, ID Nru. 158681M;

-Omissis-

Spiridione Scicluna ta’ 59 sena, iben John u Maria nee’ Grech, imwieled Haz-Zabbar fit-28 ta’ Jannar, 1946 u residenti fl-indirizz ‘Schelderix’, no. 83, Triq Alessio Erardi, Haz-Zabbar, ID Card nru. 125346M

-Omissis-

-Omissis-

Steven Micallef ta’ 34 sena, iben Carmel u Mary nee’ Yeomans, imwieled Tal-Pieta’ fit-8 ta’ Frar, 1970 u joqghod fl-indirizz numru 71, ‘Enoven’, Triq il-Bajd, in-Naxxar ID Nru. 86470M;

-Omissis-

-Omissis-

U Sandro Bonnici ta’ 28 sena, iben Grazio u Maria nee’ Camilleri, imwieled tal-Pieta’ fil-15 ta’ Gunju, 1976 u joqghod fl-indirizz ‘Amnesia’, Nadur Street, Marsaskala, ID Nru. 367776M;

Gew akkuzati talli:

Fi Triq is-Santwarju, u f' inhawi ohra f' Haz-Zabbar, fil-lejl ta' bejn il-Gimgha u s-Sibt, 10 u 11 ta' Settembru, 2004:

1. Hadu sehem f' parti attiva f' gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migbura bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm din il-gemgha ma kinetx imxewxa minn xi hadd partikulari liema reat fil-fatt sar;

2. Meta kienu tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn atwtorita' kompetenti biex jixxerdu, u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f' numru ta' tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika;

3. Meta kienu tliet persuni jew aktar, li ngemghu jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b' mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xorta ohra, li setghu gabu twerwir u biza' fost in-nies;

4. Ingurjaw, heddew, u ghamlu offizi fuq il-persuni ta' l-Assistent Kummissarju Paul Sammut, is-Supretendent Patrick Spiteri, l-Ispettur Anthony Cassar kif ukoll ta' diversi ufficcjali ohra tal-Pulizija, liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. Attakkaw u ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

6. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, kif ukoll ta' diversi persuni ohra f' periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, taghhom skond ma ccertifikaw Dr. Ian Cauchi MD.,

Dr. Anthony Mifsud MD., Dr. Charmaine Fava MD., u kif ukoll diversi tobba ohra tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid ;

7. Bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes, ghajjat, jew b’ mod iehor;

8. Grew bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b’ periklu li jahbtu ma’ xi hadd u jwegghuh;

9. Kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

10. M’ obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom fil-qadi ta’ dmirijiethom jew b’mod iehor, bla jedd indahlu fi dmirijiethom;

11. F’ lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kienu fis-sakra b’ mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom, jew f’ lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu jidhru bic-car fis-sakra;

12. Waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta’ haddiehor, jew ta’ bini iehor;

***<u>LIL -OMISSIS- BISS:</u>***

13. -omissis-

14. -omissis-

15. -omissis-
16. -omissis-

***<u>LIL -OMISSIS- BISS:</u>***

-omissis-

***<u>LIL SANDRO BONNICI BISS:</u>***

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Charlo’ Ebejer minn Haz-Zabbar f’periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem tieghu skond ma ccertifika Dr. Lawrence Fenech MD., minn Haz-Zabbar;

Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe’ suldat fil-Forzi Armati ta’ Malta, sar hati ta’ reat, li huwa kellu jissorvelja li ma jsirx, jew minhabba l-kariga tieghu, huwa kellu id-dmir li jimpedixxi dan ir-reat;

-Omissis-

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku flimkien mal-piena, jew minflok il-piena, applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu inniffsu, taht penali li tigi ffissata mill-Qorti;

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar fid-dawl tal-fatt li sejrin jigu registrati xi ammissjonijiet minn xi whud mill-imputati talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati Mario Farrugia, Roderick Delia, Spiridione Scicluna, Steven Micallef u Sandro Bonnici, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SNG 1 u nnutat li l-imputati Mario Farrugia, Roderick Delia, Spiridione Scicluna, Steven Micallef u Sandro Bonnici m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Mario Farrugia, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-ewwel (1) akkuza, ir-raba’ (4) akkuza, id-disa’ (9) akkuza, l-ghaxar (10) akkuza u t-tnax (12) il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar iddikjara li nkwantu ghat-tieni (2) akkuza u t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Farrugia, dawn l-akkuzi nghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Farrugia u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) akkuza u tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Farrugia. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghall-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba’ (7) akkuza, it-tmien (8) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Farrugia dawn l-akkuzi ma jirrizultawx u ghaldaqstant talab li l-Qorti tillibera lill-istess imputat Mario Farrugia minn dawn l-istess akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Mario Farrugia bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Mario Farrugia, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-ewwel (1) akkuza, ir-raba’ (4) akkuza, id-disa’ (9) akkuza, l-ghaxar (10) akkuza u t-tnax (12) il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Matthew Brincat ghall-imputat Mario Farrugia iddikjara li l-imputat filwaqt li jiskuza ruhu dwar l-akkadut jixtieq jirrileva li l-akkadut sehh f’cirkostanzi fejn hu kien qieghed jipprotegi lil ibnu minuri li huwa persuna b’disabilita’, liema persuna minuri sofra ferita ta’ natura hafifa waqt dawn l-istess incidenti.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat Roderick Delia, fil-presenza tal- avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Roderick Delia bl-aktar mod solenni rigward il- konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat

Roderick Delia, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Spiridione Scicluna, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat Spiridione Scicluna bl-aktar mod solenni rigward il- konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Spiridione Scicluna, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Steven Micallef, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-ewwel (1) akkuza, id-disa' (9) akkuza, l-ghaxar (10) akkuza u t-tnax (12) il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar iddikjara li nkwantu ghat-tieni (2) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Steven Micallef dawn l-akkuzi nghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat Steven Micallef u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) akkuza u tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Steven Micallef. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghar-raba' (4) akkuza, il-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba' (7) akkuza, it-tmien (8) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra l-imputat Steven Micallef dawn l-akkuzi ma jirrizultawx u ghaldaqstant talab li l-Qorti tillibera lill-istess imputat Steven Micallef minn dawn l-istess akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Steven Micallef bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Steven

Micallef, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-ewwel (1) akkuza, id- disa' (9) akkuza, l-ghaxar (10) akkuza u t-tnax (12) il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Sandro Bonnici, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza, ir-raba' (4) akkuza, il-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba' (7) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar iddikjara li nkwantu ghat-tieni (2) akkuza u t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Sandro Bonnici dawn l-akkuzi nghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat Sandro Bonnici u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) akkuza u tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Sandro Bonnici. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghar-raba' (4) akkuza, il-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba' (7) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra l-imputat Sandro Bonnici dawn l-akkuzi ma jirrizultawx u ghaldaqstant talab li l-Qorti tillibera lill-istess imputat Sandro Bonnici minn dawn l-istess akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Sandro Bonnici bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Sandro Bonnici, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza, ir-raba' (4) akkuza, il-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba' (7) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difizi rispettivi tal-imputati li ammettew illum.

Rat fil-konfront tal-imputat Mario Farrugia l-artikoli 17, 68(2), 95, 338(dd), 338(ee) u 339(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel (1) akkuza, ir-raba' (4) akkuza, id-disa' (9), l-ghaxar (10) akkuza u t-tnax (12) il-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-imsemmi imputat Mario Farrugia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Mario Farrugia ghall-piena ta' mija u sbatax Euro (Euro117) multa.

Inkwantu ghat-tieni (2) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Farrugia, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija zewg akkuzi fil-konfront tal-imsemmi imputat Mario Farrugia kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) u tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Farrugia.

Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia hati tal-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba' (7) akkuza, it-tmien (8) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra tieghu stante li ma jirrizultawx fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Rat fil-konfront tal-imputati Roderick Delia u Spiridione Scicluna l-artikoli 17, 68(2), 80, 79, 95, 96, 221, 338(m), 338(dd), 338(ee), 338(ff) u 339(1)(c) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Roderick Delia u Spiridione Scicluna, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputati Roderick Delia u Spiridione Scicluna ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija kull wiehed u sitt mija u disa' u disghin Euro

(Euro 699) multa kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputati Roderick Delia u Spiridione Scicluna jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rat fil-konfront tal-imputat Steven Micallef l-artikoli 17, 68(2), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Steven Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel (1) akkuza, id-disa’ (9) akkuza, l-ghaxar (10) akkuza u t-tnax (12) il-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-imsemmi imputat Steven Micallef taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Steven Micallef ghall-piena ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro233) multa.

Inkwantu ghat-tieni (2) akkuza u t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Steven Micallef, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija zewg akkuzi fil-konfront tal-imsemmi imputat Steven Micallef kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) u tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Steven Micallef.

Ma ssibx lill-imputat Steven Micallef hati tar-raba’ (4) akkuza, il-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba’ (7) akkuza, it-tmien (8) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra tieghu stante li ma jirrizultawx fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Rat fil-konfront tal-imputat Sandro Bonnici l-artikoli 17, 31 68(2), 338(cc), 338(dd), 338(ee), 221 u 141 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Sandro Bonnici, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni (2) akkuza,

it-tielet (3) akkuza, ir-raba' (4) akkuza, il-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba' (7) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-imsemmi imputat Sandro Bonnici taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Sandro Bonnici ghall-piena ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro233) multa.

Inkwantu ghat-tieni (2) akkuza u t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Sandro Bonnici, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija zewg akkuzi fil-konfront tal-imsemmi imputat Sandro Bonnici kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) u tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Sandro Bonnici.

Ma ssibx lill-imputat Sandro Bonnici hati tar-raba' (4) akkuza, il-hames (5) akkuza, is-sitt (6) akkuza, is-seba' (7) akkuza u l-hdax (11) il-akkuza migjuba kontra tieghu stante li ma jirrizultawx fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Mario Farrugia, Roderick Delia u Spiridione Scicluna b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Euro (Euro 800) kull wiehed li jzommu l-kwiet mal-Assistent Kummissarju Paul Sammut, mal-ex Supretendent Patrick Spiteri u mal-Ispettur Anzjan Anthony Cassar u li jzommu l-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Steven Micallef u Sandro Bonnici b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Euro (Euro 800) kull wiehed li jzommu il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment, il-Qorti, qed taghti lill-imputati Mario Farrugia, Stephen Micallef u Sandro Bonnici l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal- Ligijiet ta' Malta u qed taghti lill-imputati Roderick Delia u Spiridione Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------